**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D., LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, 22 ta' April, 2021.**

**Rikors Guramentat numru:- 57/2018BS**

**William Portelli**

**vs**

**Peter Paul u Evelyn konjugi Portelli**

**Il-Qorti**

**Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta illi:**

1. Premess illi l-attur huwa sid ta' bicca art imsejha Ta' Maghjza jew Ta' Hanak fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex u dan kif jidher mill-kuntratt u pjanta hawn anness u mmarkata Dok A;

2. Premess illi l-attur ghandu wkoll bi qbiela mill-knisja tax-Xewkija Ghawdex, bicca raba iehor fl-istess inhawi u ghalhekk ukoll msejjah Ta' Maghjza jew Ta' Hanak, fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex u dan kif jidher mill-ircevuta hawn annessa u mmarkata Dok B;

3. Premess illi d-dimensjonijiet tal-artijiet hawn spjegati insabu redatti fi pjanta hawn annessa u mmarkata Dok C;

4. Premess illi fl-inhawi bl-ittra X sa Y, hemm il-pajps ghaddejin minn taht l-art liema pajps gew imqieghda b'mod klandestin u minghajr il-kunsens tal-attur, mill-konvenut u dan kollu kien il-mertu ta' kawza possessorja fl-ismijiet kawza William Portelli vs Peter Paul Portelli, 21/2008/2 deciza mill-Qorti tal-Appell Civili fit-12 ta'

Gunju 2017, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok D; F'xi bnadi dawn il-pajps huma mikxufin pero fi bnadi ohra huma mghottijin bic-cement;

5. Premess illi l-attur jippresupponi li dawna gew mqieghdin mill-konvenut biex huwa jsaqqi r-raba li qieghed f'idejh li ghandu lil 'hinn mill-proprjeta' tal-attur minn sors ta' ilma (giebja) li huwa ghandu f'apprezzament ta' raba iehor li jinsab f'idejn u li jigi lil 'hawn tar-raba tal-attur;

6. Premess illi r-raba li jahdem il-konvenut igawdi dritt ta' moghdija bir-rigel minn fuq il-proprjeta' kif deskritta hawn fuq tal-attur pero ma jgawdi ebda dritt iehor;

7. Premess illi bl-agir tieghu il-konvenut qed jippretendi li r-raba li jahdem hu igawdi drittijiet reali fuq il-proprjeta' ta' l-istess William Portelli jew ir-raba mqabbla lilu, liema drittijiet huwa ma ghandux. Illi l-konvenut ma ghandu l-ebda drittijiet reali ta' moghdija ta' ilma li jinkombu fuq il-proprjeta tal-attur kif hawn fuq inghad li jistghu jitqiesu bhala li jaggravaw l-istess proprjeta.

8. Premess illi per konsegwenza tal-agir tieghu il-konvenut qed jilledi d-drittijiet tal-attur tal-godiment liberu ta' hwejjgu u tar-raba mqabbla lilu u dan minghajr il-kunsens tieghu;

9. Ghalkemm interpellat permezz ta' ittra ufficjali sabiex inehhi dawn il-pajps, liema ittra hija hawn annessa u mmarkata Dok E, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dinil-kawza.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett lil din il-Qorti Onorabbli joghgobha tiddikjara:

1. Li l-art tal-attur hija libera minn kull piz u servitu favur proprjeta ohra ghajr ghad-dritt ta' moghdija bir-rigel favur is-sid ta' l-art li jahdem il-konvenut u terzi.

2. Li r-raba mqabbla lil attur ukoll hija libera minn kull piz u servitu favur proprjeta ohra hlief ghad-dritt ta' moghdija bir-rigel favur l-art li jahdem il-konvenut u terzi.

3. Li l-konvenut ma ghandu ebda drittijiet reali fuq il-proprjeta tal-attur li jippermettilu jqieghed pajps u jiksihom bic-cement.

4. Konsegwentmeent tiddikjara illi l-konvenut ma ghandu l-ebda dritt sabiex jghaddi l-pajps, mill-proprjeta tal-attur deskritta aktar 'il fuq.

5. Tikkundanna lil konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju inehhi l-pajps mqieghda minnu u dan jekk ikun il-kaz bl-ghajnuna ta' perit nominandi u f'kaz li jghaddi dak iz-zmien inutilment tordna lil attur sabiex jaghmel huwa x-xogholijiet necessarji bl-assistenza ta' perit nominandi a spejjez tal-istess konvenut.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta' dokumenti annessi mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Peter Paul Portelli u Evelyn Portelli illi eccepew:

1. Illi fl-ewwel lok, Evelyn Portelli ma hijiex legittima kontradittrici tal-attur, stante li hija ma ghandha l-ebda dritt u l-ebda interess fl-artijiet mertu tal-kawza, liema artijiet huma parafernali ta' Peter Paul Portelli, u stante wkoll li Evelyn Portelli u Peter Paul Portelli huma separati minn xulxin skont kuntratt fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tal-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru elfejn u hmistax (2015) li kopja tieghu qeghda tigi hawn annessa u mmarkata document "PPP1";

2. Illi mingajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur;

3. Illi infatti, l-azzjoni attrici hija llum kolpita bl-ostakolu tar-res judicata stante li t-talbiet odjerni diga' kienu jiffurmaw is-suggett tal-kawza wkoll fl-imijiet "William Portelli vs Peter Paul Portelli" Citazzjoni Numru 21/2008 deciza mill-Onorabbli Qort tal-Appell fit-12 ta' Gunju 2017, li ghaliha, ironikament, jirreferi l-attur innifsu;

4. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni attrici hija wkoll kolpita bil-preskrizzjoni trentennali fit-termini tal-artikolu 2143 tal-Kodici Civili stante li l-oggetti li dwarhom qieghed jilmenta l-attur ilhom jezistu minn ferm qabel tletin sena qabel kull interpellazzjoni da parti tal-attur dwarhom;

5. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet huma infondati fid-dritt u fil-fatt ghaliex inter alia mhuwiex minnu li l-esponenti wettaq xi haga li b'xi mod tista' tiftiehem li qeghda taggrava xi proprjeta' tal-attur, u ghaliex mhuwiex minnu li l-attur huwa proprjetarju ta' xi parti mill-art li minn fuqha ghaddejjin il-pajps li minnhom qieghed jilmenta l-istess attur.

6. Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mal-istess risposta.

Rat illi fl-udjenza tas-6 ta' Novembru 2018 din il-Qorti kif dakinhar presjeduta halliet il-kawza differita ghall-provi limitatament dwar it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti u cioe dwar ir-*res judicata*.

Rat illi fl-udjenza tas-16 ta' Jannar 2019 il-Qorti laqghet it-talba u ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-kawza 21/2008 fl-istess ismijiet deciza mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Gunju 2017.

Rat l-atti li gew allegati.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi u d-dokumenti.

Rat illi din il-Qorti kif diversament presjeduta akkordat lill-partijiet terminu sabiex jipprezentaw in-noti ta' sottomissjonijiet taghhom limitatament dwar l-eccezzjoni tar-*res judicata*.

Rat in-noti skambjati bejn il-partijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal lum limitatament dwar l-eccezzjoni tar-*res judicata*.

**Fatti**

In linea preliminari l-konvenuti sollevaw l-eccezzjoni tar-*res judicata* billi ghamlu referenza ghall-mertu tal-kawza fl-ismijiet **William Portelli vs Peter Paul Portelli** (Rik. Nru. 21/2008 PC) deciza minn din il-Qorti kif dak inhar presjeduta fis-16 ta' April 2013 liema sentenza giet ikkonfermata fl-appell fit-12 ta' Gunju 2017.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom l-konvenuti jargumentaw li jirrizultaw it-tliet rekwiziti mehtiega sabiex tirnexxi l-azzjoni. Isostnu illi l-fatt li fil-proceduri odjerni l-attur inkluda lill-mart il-konvenut m'hu xejn ghajr tentattiv sabiex jerga jipproponi kawza illi diga giet deciza u ghaddiet in gudikat. Ikomplu l-argument taghhom billi jishqu li l-fatti taz-zewg kawzi, jekk mhux identici huma simili ghaliex ghalkemm fil-proceduri odjerni l-attur zied tlett talbiet godda, l-ghan finali tal-attur permezz taz-zewg kawzi huwa li jikseb it-tnehhija tal-pajpijiet tal-ilma. Finalment, il-konventi jghidu illi l-attur agixxa b'malizja meta fir-rikors guramentat tieghu laqa' billi fisser li waqt li dik is-sentenza li ghaddiet in gudikat kienet tittratta kawza possessorja dik ta' llum ghandha natura legali differenti. Il-konvenuti pero` jargumentaw illi effettivament il-kawza li ghaddiet in gudikat kienet wahda petitorja ghar-raguni illi ga f'dik il-kawza l-attur kien qieghed jagixxi xi qua proprjetarju ta' porzjon raba kif ukoll qua pussessur ta' porzjon raba' iehor. Jghidu ghalhekk illi l-*causa petendi* fiz-zewg kawzi hija identika.

Ir-rikorrenti sostnew li l-kawza odjerna hija differenti minn dik li ghaddiet in gudikat u dan ghaliex permezz ta' din il-kawza l-attur qieghed ifittex dikjarazzjoni fis-sens illi l-proprjeta` tieghu, sew dik li fuqha ghandu titolu kif ukoll dik li ghandu l-pussess taghha, m'humiex milquta minn servitu' favur l-art tal-konvenuti ghajr ghal passagg bir-rigel. Isostnu illi r-rekwizit ta' *eadem res* mhux sodisfatt ghaliex permezz tal-ewwel kawza ma' giex preservat id-dritt tal-attur. L-*eadem persone* lanqas ma jirrizulta peress li l-partijiet mhumiex l-istess stante illi Evelyn Portelli ma kinitx parti fil-kawza li ghaddiet in gudikat. Isostnu illi lanqas

ma jirrizulta l-element ta' *eadem causa petendi* ghaliex it-talbiet fiz-zewg kawzi huma differenti.

**Ikkunsidrat**

In vista ta' din l-eccezzjoni l-Qorti ser tghaddi sabiex tqis kif tithaddem id-difiza tar-*res judicata* fil-kuntest tal-gurisprudenza nostrana.

Il-fondament guridiku ta' din l-eccezzjoni huwa l-interess pubbliku. L-eccezzjoni hija mahsuba sabiex waqt illi tindokra ic-certezza ta' dawk il-jeddijiet li jkunu diga gew determinati b'sentenza, fl-istess waqt taghmilha aktar difficli li jinghataw sentenzi kunfliggenti bejniethom jew li jithallew miftuha kwistjonijiet bi hsara ghal drittijiet li jkunu diga gew stabbiliti permezz tas-sentenza li tkun inghatat[1].

Tlieta huma l-elementi li jehtieg jigu ppruvati sabiex din l-eccezzjoni tigi nvokata b'success[2]. Dawn huma:

a) ***eadem res* – l-identita` tal-oggett tal-gudizzju;**

b) ***eadem causa petendi* – il-fatt guridiku li minnu jitnissell id-dritt vantat; u**

c) ***eadem personae* – il-gudizzju jkun bejn l-istess partijiet u fl-istess kwalita'.**

Dawn it-tlett elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi ghal xulxin. Ghalhekk, sabiex jinghad illi l-azzjoni li ghandha quddiemha l-Qorti hija milquta b'gudikat ta' sentenza separata, iridu ta' bilhaqq jikkonkorru t-tliet elementi altrimenti, fin-nuqqas, ma jistax jinghad illi l-haga hija l-istess u ghalhekk tapplika l-massima legali *nisi omnia concurrunt, alia res est*.

Inghad illi galadarba din l-eccezzjoni hija mmirrata sabiex twaqqaf azzjoni, l-eccezzjoni ta' *res judicata* ghandha tigi applikata u nterpretata b'mod resttrittiv u fejn jibqa' d-dubju, l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

---

[1] Ara **Unifoods Ltd vs Alfred Martin noe**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 29 ta' Novembru 2001

[2] Ara: **Registratur tal-Qrati Superjuri vs M. of Time Limited**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 17 ta' Frar 2000.

Fis-sentenza taghha tat-28 ta` Marzu 2003 fil-kawza fl-ismijiet "**Anthony Borg et v. Anthony Francis Willoughby**" il-Prim'Awla tal-Qorti Civili rrilevat illi :-

*"Il-fundament ta` l-"action" u ta` l-"exceptio judicati" hija preskrizzjoni legali, u ghalhekk hija `strictissimae interpretationis`. Li jfisser li l-atturi ma jkunux jistghu permezz ta` kawza ohra jifthu t-trattazzjoni ta` l-istess punti fl-istess kwistjoni li gja gew diskussi f`kawza deciza b`sentenza li gja ghaddiet f`gudikat.*

*Sakemm ma jkunx hemm ebda decizjoni fuq il-vera kwistjoni kontroversa, u dik il-kwistjoni ma tkunx giet prekluza minn ebda decizjoni definittiva moghtija fil-gudizzju, l-istess kwistjoni tibqa` mhux deciza, u ma jistax mill-parti l-ohra jinghad li ghad-decizjoni josta l-gudikat.*

*L-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tigi ammessa b`cirkospezzjoni kbira; u dan aktar u aktar meta dik l-eccezzjoni jkollha l-effett li teskludi xi dritt, bhal meta si tratta minn incident processwali li jqum fil-kors tal-gudizzju, fejn ma jistax ikun hemm dak li jissejjah gudikat implicitu. Biex ikun hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat, hemm bzonn li l-kwistjoni tkun giet `effettivament` deciza bis-sentenza ta` qabel … Fid-dubju l-Imhallef m`ghandux jippropendi favur l-eccezzjoni tal-gudikat."*

Kien ukoll stabbilit illi biex *res judicata* tigi eccepita b`success jehtieg li c-cirkostanzi tal-kaz jibqghu l-istess bhal dawk tal-kaz ta` qabel. Jekk ikun hemm bdil fic-cirkostanzi jigi li s-sentenza ta` qabel ma titqiesx ta` ostakolu ghar-riproposizzjoni tat-talba[3].

Determinata n-natura guridika tal-azzjoni, il-Qorti sejra tghaddi sabiex taghmel analizi ta' kull wiehed mit-tliet elementi tal-azzjoni.

**a)** ***Eadem Res***

Fis-sentenza **Rabat Construction Ltd vs Cutajar Construction Company Ltd** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Jannar 2002 inghad illi dan l-element jittratta l-fatt li l-oggett mertu tat-talba l-gdida

[3] Ara: Qorti ta` l-Appeal (Inferjuri) tas-6 ta` April 2005 : "**Joseph Difesa v. L-Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**"] kif ukoll : Prim`Awla tal-Qorti Civili : 20 ta` Jannar 2016 – "**Vella Estates Limited v. Raymond Azzopardi et**"; u "**David Theuma et vs Giuseppi Spiteri** – 2 ta` Marzu 2015 u l-gurisprudenza estensiva citata fiz-zewg decizjonijiet.

jkun **identiku** ghat-talba precedenti li tkun giet determinata b`sentenza li tkun ghaddiet in gudikat. Ghalhekk sentenza li tikkostitwixxi gudikat ma tistax timpedixxi talba gdida milli tigi proposta quddiem qorti, jekk din hi ntiza sabiex tottjeni xi haga **differenti** ghal dak li kien intalab b`talba precedenti li giet determinata b`sentenza ta` qabel. Minn dan isegwi li anke jekk l-oggett ta` t-talba l-gdida hu **simili** ghal dak ta` decizjoni precedenti, **izda mhux identiku**, is-similarita` mhijiex ostakolu ghat-talba gdida ghaliex l-effetti ta` sentenza li tkun ghaddiet in gudikat huma limitati ghal dak li jkunu ressqu l-partijiet u ddecidew il-qrati.

Sabiex tiddetermina l-identita' tal-oggett il-qorti trid tezamina jekk il-kwistjoni li titressaq fit-talbiet attrici tkunx giet jew le deciza fis-sentenza li tkun ghaddiet in gudikat. Ghalhekk, wiehed irid jara jekk il-punt imqajjem f`dawn it-talbiet kienx determinat fis-sentenza l-ohra jew jekk baqax mhux deciz. Jekk il-kwistjoni tkun giet trattata u deciza, allura jkun hemm l-identita` ta` l-oggett.

**b)** ***Eadem Causa Petendi***

Din il-kondizzjoni tirrikjedi li l-oggett tat-talba l-gdida jkun l-istess bhat-talba precedenti li tkun diga giet deciza u ghaddiet in gudikat. Ghalhekk, sabiex jirrizulta l-element, irid jigi ppruvat li l-kawzali tat-talba l-gdida tkun fondata fuq l-istess fatt guridiku li kien jifforma l-bazi tat-talba li kienet giet determinata b`sentenza li ghaddiet in gudikat. Il-gudikat ma jigix nieqes minhabba d-diversita` ta` motivi tal-*causa petendi.*

Fis-sentenza taghha tal-24 ta' Marzu 2000 fil-ismijiet **Crocifissa Sammut et vs Joseph Spiteri** il-Prim'Awla tal-Qorti Civili analizzat bir-reqqa n-natura guridika tal-eccezzjoni u waqt li ghamlet referenza estensiva ghall-gurisprudenza, osservat illi:

*"Illi f'dan il-kuntest huwa opportun li jinghad illi fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna din il-kwistjoni hija konkordi li l-gudikat jifforma ruhhu mhux biss ghar-rigward ta' dak li gie diskuss espressament, imma anki ta' dak li messu gie diskuss, mill-parti li kellha tiddiskutih biex issostni d-domanda jew l-eccezzjonijiet taghha; u l-gudikat ma jigix nieqes minhabba d-diversità tal-motivi tal-'causa petendi'. ("**Cole Foods Limited vs Accent Clear Traders Company Limited" - FGC. 4 ta' Gunju 1999**).*

*Illi fis-sentenza "**Carmelo Bonello vs Onor. Edgar Cuschieri nomine**" (**Ap. 6 ta' Marzu 1950 - XXXIV.I.74**) li kienet sentenza dwar appell mill-Bord li Jirregola l-Kera 'il giudicato si forma non solo in ordine a ciò che fu espressamente discusso, ma ancora a quanto avrebbe dovuto discutersi e non discusso dalla parte che doveva discutere la propria istanza ed eccezzione' (**Cesare Baldi, Manuale Prattico di Diritto Civile, Vol. 1, p.818**).*

*L-istess inghad fis-sentenza '**Antonio Dagri vs Emanuele Dingli**' (Ap. 27 ta' April 1953) u cioè li 'hu pacifiku li l-gudikat jassorbixxi kull eccezzjoni li, in meritu ghall-azzjoni, kien missha, jew setghat giet sollevata in relazzjoni ghall-azzjoni stess'. L-istess inghad fis-sentenza '**Carmelo Camilleri vs Spiru D'Amato**' (**Ap. 2 ta' Marzu 1956 - XL. I. 65**) 'li ma jistax ikun lecitu lill-appellant li jerga' jipproponi l-istess domanda biex jinnewtralizza l-imsemmija decizzjoni precedenti, billi jgib 'il quddiem ragunijiet jew provi li kien jaf bihom, u li seta' u messu jgib fil-kors tal-process l-iehor. Jekk ma ghamilx hekk 'imputet sibi'; u l-imsemmija sentenza tal-15 ta' Gunju 1955 ma tistax tigi injorata u mqeghda fil-genb ghar-ragunijiet pre-ezistenti ghall-prolazzjoni taghha, allegati serotinament'. L-istess gie ritenut fis-sentenza '**Carmelo Panzavecchia vs Constantino Caruana' - 11 ta' Gunju 1956 - XLB. 1. 555**)."*

**c)** *Eadem Personae*

Gie diversi drabi riaffermat il-principju li sabiex jigi sodisfatt dan ir-rekwizit, jehtieg illi s-sentenza li ghaddiet in gudikat kienet bejn l-istess persuni[4]. Dan l-element huwa ta' siwi daqs iz-zewg elementi l-ohra u n-nuqqas ta' dan l-element huwa bizzejjed sabiex iwaqqa' l-eccezzjoni[5]. Jinghad dan ghaliex min ma kienx prezenti jew almenu legittimament rapprezentat f'dak il-gudikat ma jistax jinghad illi huwa marbut b'dik is-sentenza li ghaddiet in gudikat. F'dan il-kaz japplika l-principju illi s-sentenzi ghandhom effett biss *inter partes*. Biss, kif inghad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tat-2 ta' Lulju 1996 fl-ismijiet **Iginio Trapani Galea Feriol et vs Jane mart Jimmy Agius et**, dan ma jfissirx illi "*l-promoturi tal-istess procedura setghu jipproponu mill-gdid kawza identika bl-inseriment ta' persuna taghhom li ma kinitx verament necessarja mill-aspett legali*".

---

[4] Ara: **Innocenza Debattista et vs Giovanni Farrugia**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 13 ta' Frar 1958
[5] Ara: **Charles Cortis vs Francis X Aquilina et**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 25 ta' Settembru 2003

Traccjati dawn l-insenjamenti, il-Qorti sejra issa tghaddi sabiex tapplika l-istess ghall-kaz ta' llum.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti tosserva illi l-attur naqas milli jindika x'tip ta' azzjoni qieghed jinvoka dan kemm fil-kuntest tal-kawza ta' llum u aktar u aktar fil-kuntest tal-kawza li ghaddiet in gudikat. Waqt illi huwa evidenti fiz-zewg kawzi illi l-attur qieghed jiehu azzjoni sabiex jipprotegi d-dritt li jghid li ghandu fuq il-proprjeta`, hija mhollija f'idejn il-Qorti li tislet in-natura tal-azzjoni promossa.

Minn qari tal-kawzali u tat-talbiet tal-kawza li ghandha quddiemha l-Qorti llum jidher illi l-azzjoni hija dik negatorja fejn l-attur qieghed ifittex li jikseb dikjarazzjoni li l-proprjeta` tieghu mhijiex soggetta ghal servitu` favur il-fond tat-terz, f'dan il-kaz il-konvenut. It-talbiet l-ohra mbaghad huma konsegwenzjali ghal tali dikjarazzjoni ghaliex jekk jigi stabbilit li l-art hija hielsa minn servitu` allura l-Qorti tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet dwar ir-rimozzjoni ta' dak kollu illi qieghed ixekkel il-jedd tal-attur ghat-tgawdija shiha u hielsa tal-jedd tieghu fuq dik il-proprjeta`.

Il-Qorti tazzarda tghid illi anki l-kawza li ghaddiet in gudikat kienet esperita fuq l-azzjoni negatorja u dan ghaliex ghalkemm f'dik il-kawza l-attur ma talabx dikjarazzjoni ta' proprjeta`, huwa vvanta dan it-titolu u fuq dik il-premessa ghadda sabiex talab li l-proprjeta` li jghid li hija tieghu tigi liberata minn dawk il-pizijiet[6] illi jaggravawha, f'dan il-kaz pajpijiet ghall-moghdija tal-ilma.

Jidher palezement illi t-titolu fuq l-art li minn fuqha ghaddejjin il-pajpijiet tal-ilma jifforma l-kontestazzjoni principali fiz-zewg kawzi. Sabiex jirnexxi fit-talbiet tieghu l-attur irid ta' bilhaqq jaghmel il-prova tat-titolu u tal-molestja mgarrba. Din il-prova hija mehtiega kemm fil-kawza ta' llum u kif ukoll f'dik illi ghaddiet in gudikat ghaliex in mankanza ta' prova f'dan is-sens ma jkun hemm ebda bazi legali ghaliex il-Qorti tordna t-tnehhija tal-pajpijiet minn fuq l-art u ghalhekk il-Qorti ma jibqghaliex hlief illi tichad it-talba fit-totalita` taghha. Hekk ghamlet l-Ewwel Qorti

[6] B'pizijiet ghandu jinftiehem kull dritt reali li jolqot immobbli u jillimita l-uzu tieghu. Dan jghodd ukoll f'kaz ta' pizijiet reali.

meta cahdet it-talbiet attrici ghar-raguni li dan ma sehhlux jaghmel il-prova tat-titolu tieghu fuq il-porzjon art li minnu ghaddejjin il-pajpijiet. Din is-sentenza giet ikkonfermata fl-appell fejn wara li ghamlet il-kunsiderazzjonijiet taghha l-Qorti tal-Appell cahdet l-appell ghar-raguni illi rrizulta *"in-nuqqas ta' provi konkreti li juru li l-mogħdija hija parti mill-art tal-attur jew li jippossjedi"*.

Fil-kawzali tal-kawza odjerna l-attur jghid illi l-kawza li ghaddiet in gudikat kienet ta' indole possessorju. Dan m'huwa xejn ghajr tentattiv sabiex l-attur jipprova jfixkel lill-parti avversa u forsi anki lill-Qorti u b'hekk jipprova jizgicca mill-eccezzjoni ta' *res judicata* li jinsab jiffaccja. Il-Qorti tqis l-argument tal-attur bhala zbaljat ghaliex huwa evidenti li anki f'dik il-kawza l-attur kien qieghed jippromwovi l-azzjoni tieghu sia bhala proprjetarju ta' porzjon raba' kif ukoll qua l-pussessur ta' porzjon raba' differenti. Ghalhekk ma jregix l-argument tal-attur li dik il-kawza kienet wahda ta' indole possessorju. Terga u tghid fil-kuntest ta' dik il-kawza l-Qorti ibbazat il-konkluzjonijiet taghha fuq nuqqas ta' prova dwar titolu tant illi fl-istadju tal-appell l-attur stess ipprezenta kuntratt sabiex juri x'titolu ghandu fuq il-proprjeta` jew almenu fuq parti minnha. Li kienu verament il-kawza kienet ta' purament ta' indole pussessorju allura ma kinitx tkun mehtiega l-prova tat-titolu izda semplicement dik tal-pussess.

Ezaminati akkuratament il-kawzali u t-talbiet taz-zewg kawzi, il-Qorti hija l-fehma meqjusa illi z-zewg kawzi jittrattaw l-istess mertu u huma naxxenti mill-istess fatt guridiku. Bil-fatt illi fil-kawza ta' llum l-attur zerzaq tlett talbiet godda huwa m'ghamel xejn ghajr irfina aktar l-azzjoni li kien ippromwova permezz tal-ewwel kawza. Fl-istess waqt b'hekk ipprova wkoll jittanta xortih billi jiftah diskussjoni gdida dwar punti illi diga gew diskussi.

Il-Qorti tfakkar illi jirrizulta l-gudikat anki fir-rigward ta' eccezzjonijiet, talbiet u provi li messhom gew imressqa u diskussi fil-kuntest tal-ewwel kawza. Ghalhekk ma jiswiex l-argument tal-attur meta dan jghid illi r-ritratti treqqsu fi stadju ta' appell ghaliex sar jaf bihom wara li kienet diga inghata is-sentenza tal-Ewwel Qorti. Dan il-punt filfatt gie trattat anki mill-Qorti tal-Appell li ghamlet dawn l-osservazzjonijiet:

*"11. Id-dokumenti li ppreżenta l-attur appellant flimkien mar-rikors tal-appell tiegħu huma: i. sett ta' ritratti u pjanti mħejjija mill-A.I.Ċ. Cornelia Tabone li allegatament juru minn fejn għaddejjin il-pipes li ġew esposti wara li tħaffret il-*

*ħamrija; ii. kuntratt pubbliku tas-17 ta' Ġunju 1987 ippubblikat min-Nutar Michael Refalo bejn Angelo Buttigieg u l-attur William Portelli.*

*12. Ir-ritratti ma fihom l-ebda data u għalhekk ma tistax tgħid meta ttieħdu, jekk hux qabel jew wara li ntemm is-smigħ quddiem l-ewwel qorti. F'kull każ, l-attur dejjem seta' qabbad lil min jieħu dawn ir-ritratti qabel, fi żmien utli biex setgħu jinġiebu quddiem l-ewwel qorti. Jekk ġew meħudin wara li ngħalaq is-smigħ fl-ewwel grad, dan ma kienx minħabba xi fattur barra l-kontroll tal-attur iżda għax ma ħax ħsieb jara li dawn ir-ritratti jsiru qabel.*

*13. L-istess jista' jingħad dwar il-pjanti u l-kuntratt pubbliku. Għalkemm l-attur jidher li kiseb dawn id-dokumenti wara li ngħatat is-sentenza appellata, ma kien hemm xejn li jżomm lill-attur milli jiksibhom qabel. Ma tistax parti tressaq provi ġodda billi tagħżel hi ż-żmien meta tiksibhom jew toħloqhom, meta setgħet għamlet dan qabel. Il-qorti għalhekk ma hijiex sejra tqis id-dokumenti kollha li ġew ppreżentati flimkien mar-rikors tal-appell fil-konsiderazzjonijiet tagħha."*

Lanqas ma ghandu siwi l-argument tal-attur ghar-rigward tar-rekwizit tal-*eadem personae*. L-attur jargumenta illi fiz-zewg kawzi l-konvenuti mhumiex l-istess persuna. Sa hawn l-attur huwa korrett ghar-raguni li waqt li l-ewwel kawza kienet biss fil-konfront ta' Peter Paul Portelli, fil-kawza odjerna pero` sejjah sabiex iwiegbu ghat-talbiet attrici sia lil Peter Paul Portelli kif ukoll lil Evelyn Portelli. F'dan ir-rigward il-gurisprudenza tghallem illi ma jistax l-attur jittanta jippromwovi kawza gdida semplicement billi jdahhal persuna gdida li ma kinitx partecipi jew rapprezentata fl-ewwel kawza. Dan l-insenjament jassumi aktar siwi meta l-prezenza tal-persuna gdida citata in gudizzju mhix mehtiega mil-lat legali. Mill-provi mressqa mill-konvenut jirrizulta sodisfacentement ippruvat illi l-konvenuti huma llum legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali tal-31 ta' Ottubru 2015. Dan oltre ghall-fatt illi l-artijiet de quo jifformaw parti mill-proprjeta` parafernali tal-konvenut. Ghalhekk il-prezenza ta' Evelyn Portelli fil-procediment odjern m'ghandha assolutament ebda rilevanza ga la darba hija ma tista qatt twiegeb ghat-talbiet attrici.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet il-Qorti ssib illi jikkonkorru l-elementi mandatorji tal-eccezzjoni u cioe' l-*eadem res*, l-*eadam causa petenedi* u l-*eadem personae*. Ghalhekk ser tghaddi sabiex tilqa' l-eccezzjoni.

Stante illi qeghda tilqa′ l-eccezzjoni tal-gudikat il-Qorti hija prekluza milli tinotra ruhha fil-kwistjoni tal-mertu.

**Decide.**

Ghall-motivi u ragunijiet gia espressi din il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa′ t-tielet (3) eccezzjoni preliminari u tiddikjara illi l-azzjoni attrici hija milquta bl-eccezzjoni ta′ *res judicata* u ghaldaqstant tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tal-attur.

Tordna lill-atturi sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.

Dr Brigitte Sultana
Magistrat

Dorianne Cordina
D/Registratur